**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 154/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 8 ta' Mejju 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fit-8 ta' Gunju 2010, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 jigu riveduti skond id-dikarazzjonijiet tat-taxxa tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima u konsegwentement it-taxxa addizzjonali u imghaxijiet imposti jigu ikkancellati, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti, ossia d-decizjonijiet ta' Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni lkoll datati 10 ta' Mejju 2010, annessi mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 9 al-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjonijiet ta' Rifjut ta' Oggezzjoni, l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Sema' x-xhieda ta' Neil Piccinino moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Mejju 2012[1], tad-19 ta' Gunju 2012[2], ta' l-1 ta' Novembru 2012[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NP1" a fol. 29 sa' 186 tal-process, Dok. "NP2" a fol. 187 tal-process u Dok. "NP3" u Dok. "NP4" a fol. 203 sa' 224 tal-process, sema' x-xhieda ta' James Bonavia moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2013[4] u tad-9 ta' Lulju 2013[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JB1" sa' Dok. "JB6" a fol. 242 sa' 285 t al-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2013[6] u tad-29 ta' April 2013[7] u ra d-dokumenti Dok. "SM1" sa' Dok. "SM3" a fol. 305 sa' 307 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) markati Dok. "CG1" sa' Dok. "CG6" permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Novembru 2013 a fol. 332 sa' 338 tal-process u sema' x-xhieda ta' Carmel Gatt moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013[8];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 351 sa' 365 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 370 sa' 393 tal-process;

Sema' s-sottomissjonijiet finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-12 ta' Mejju 2007, ir-Rikorrent gie mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' €82,501 bhala taxxa dovuta ghal dawn is-snin ta' stima, oltre taxxa addizzjonali w imghaxijiet. Ir-Rikorrent oggezzjona ghall-Likwidazzjonijietjiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 in bazi ghall-oggezzjoni li *the income charged to tax is excessive and does not agree with that declared in his personal tax returns for the years in question*[9]. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni però rrifjuta l-oggezzjonijiet tar-Rikorrent u ikkonferma l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in bazi ghar-raguni li *you failed to produce trade books and trade documents requested. Furthermore you failed to produce all the bank statements and explain excess in bank deposits* ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004 u 2005 u in bazi ghar-raguni li *you failed to produce trade books and trade documents*

[1] Fol. 188 sa' 201 tal-process.
[2] Fol. 225 u 226 tal-process.
[3] Fol. 228 sa' 240 tal-process.
[4] Fol. 286 sa' 296 tal-process.
[5] Fol. 321 sa' 328 tal-process,
[6] Fol. 297 sa' 303 tal-process.
[7] Fol. 308 sa' 319 tal-process.
[8] Fol. 340 sa' 342 tal-process.
[9] Ittra ta' oggezzjoni datata 24 ta' Mejju 2007, fol. 131 tal-process.

*requested. Furthermore you failed to produce all the bank statements and explain excess in bank deposits. Furthermore, income of trading nature from sale of property was declared as Capital gain* ghas-sena ta' stima 2006[10]. In segwitu ghal tali rifjut il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipproceda biex fl-10 ta' Mejju 2010 hareg fil-konfront tar-Rikorrent l-Avvizi tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006, l-imsemmija snin inkluzi[11]. Ir-Rikorrent hassu aggravat bid-decizjonijiet ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 mahruga fil-konfront tieghu u ghaldaqstant interpona dan l-appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal.

Ir-Rikorrent jitlob li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006, l-imsemmija snin inkluzi, jigu riveduti skond id-dikarazzjonijiet tat-taxxa tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima u konsegwentement it-taxxa addizzjonali u imghaxijiet imposti jigu kkancellati. Huwa jibbaza l-appell tieghu fuq is-segwenti aggravju: *appellant submitted all documents requested including copies of bank statements*. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 u jitlob li l-istess jigi michud stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjonijiet ta' Rifjut ta' Oggezzjoni, l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jisthoqqilhom konferma.

Mix-xhieda ta' Neil Piccinino in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi[12], jirrizulta li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 huma bbazati fuq erba' sorsi ta' dhul, ossia: (i) id-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent; (ii) id-dhul ta' mart ir-Rikorrent bhala beautician; (iii) il-qligh mill-bejgh ta' proprjetà immobbli gewwa l-Imsida fis-sena bazi 2005; u (iv) il-*fringe benefit* ghall-uzu da parte tar-Rikorrent ta' *pleasure yacht* di proprjetà ta' Amethyst Limited. Dejjem mix-xhieda ta' Neil Piccinino jirrizulta li l-informazzjoni provduta mir-Rikorrent kienet ferm limitata u f'certa cirkostanzi frammentarja bil-konsegwenza li l-Kummissarju kellu jaghmel certa assunzjonijiet ghall-fini tal-verifika li kien qed jaghmel fil-konfront tar-Rikorrent. Ezempji ta' l-assunzjonijiet li il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel fil-kuntest tal-hrug tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 huma: (i) 14% ta' l-*unexplained deposits* tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2002 u 2003, li wassal ghal dhul taxxabbli mhux dikjarat ta' Lm9,000 fis-sena ghas-snin bazi 2001 u 2002; (ii) is-somma ta' Lm9,000 rapprezentanti dhul taxxabbli mhux dikjarat mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006; (iii) is-somma ta'

[10] Fol. 5 sa' 9 tal-process.
[11] Fol. 31 sa' 40 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta s-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 a fol. 108 sa' 201 tal-process, is-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 a fol. 225 u 226 tal-process u ta' l-1 ta' Novembru 2012 a fol. 228 sa' 240 tal-process.

Lm10,000 rapprezentanti dhul taxxabbli mhux dikjarat ta' mart ir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006; (iv) 50% tal-prezz tat-trasferiment tal-proprjetà gewwa l-Imsida, ossia Lm22,500, rapprezentanti qligh taxxabbli mhux dikjarat mit-trasferiment ta' l-imsemmija proprjetà ghas-sena ta' stima 2006.

Ir-Rikorrent jikkontesta l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006, l-imsemmija snin inkluzi, fir-rigward ta' l-aspetti/sorsi kollha trattati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jikkontesta wkoll u b'mod partikolari l-assunzjonijiet li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel ghall-fini tal-hrug ta' l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa.

Ghall-fini ta' pratticità u kjarezza w anke sabiex ikun hemm konformità mal-mod kif il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mertu ta' dan l-appell gew trattati mill-partijiet kontendenti, it-Tribunal ser jittratta l-erba' sorsi ta' dhul tar-Rikorrent u l-eventwali *assessments* maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi wahda wahda u se jibda l-ewwel bl-*assessment* dwar id-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent.

***Assessment* dwar id-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent:**

Fir-rigward ta' dan l-aspett trattat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-mod kif gie hekk trattat mill-istess Kummissarju r-Rikorrent jissottometti li: *l-ewwelnett ghandu jinghad li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-premiums u l-commissions illi rcieva l-appellant minghand Gasan Mamo Insurance Limited, fil-kwalità tieghu ta' Insurance Agent illi gew esebiti minghand Neil Piccinino fid-dokument immarkat Dok. E. Dawn huma anke riflessi f'nofs id-dokument immarkat Dok. C u parzjalment f'Dok. NP2. Il-likwidazzjonijiet tal-Kummissarju nhadmu a bazi tad-Dok C kif stqarr Neil Piccinino illi però huma kollha bbazati fuq 'assumptions' - jigifieri figuri illi ghazel illi johrog il-Kummissarju. ... Ghall-kuntrarju, il-figuri illi hemm f'Dok. NP2 ma kienux 'assumptions' izda huma figuri illi l-Kummissarju accetta bhala korretti. ... Illi stabbilit dan il-punt, jekk wiehed ihares lejn il-kolonni ghas-sena ta' stima 2005 u 2006 fid-dokument NP2, cioè dak accettat mid-Dipartiment tat-Taxxi bhala dak li fih 'ma sarux assumptions' wiehed isib illi l-'unexplained deposits' skond id-Dipartiment kienu ta' Lm38,952.24 u Lm21,706.41 rispettivament. Izda d-Dipartiment naqas illi jiehu in konsiderazzjoni u jnaqqas il-'commissions' imhallsa mill-appellant u cioè Lm34,293.35 ghas-sena ta' stima 2005 u Lm36,278.30 ghas-sena ta' stima 2006. Dawn kienu fil-pussess tal-Kummissarju. Kellhom jitnaqqsu u kieku tnaqqsu l-figura ta' 'unexplained deposits' ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 fil-kolonni fuq id-Dok. NP2 kien jonqos minn Lm38,952.24 ghall-Lm4,658.89 u minn Lm21,406.41 ghall-figura negattiva li jfisser illi ma kienx ikun hemm 'unexplained deposits' ghas-sena ta' stima 2006. Dan ma*

*sarx u Neil Piccinino ikkonferma illi ghal xi raguni jew ohra lill-Kummissarju "skappatlu" jew "ma nafx". ... Illi dan jindika b'mod car illi l-Kummissarrju kellu fil-pussess tieghu l-figuri ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 izda naqas milli japplika l-figuri kif kien tenut illi jaghmel u dan ghad-detriment ta' l-appellant. Izda mhux hekk biss. Hareg b'teorija jew 'assumption' illi biha ddecieda illi japplika percentagg ta' 14% kif spjega Neil Piccinino ghal kull sena ta' stima. Minbarra l-fatt illi dan il-percentagg mhuwiex wiehed xjentifiku u huwa ghal kollox arbitrarju u ghemil abuziv min-naha tal-Kummissarju, anke, ghas-sahha biss ta' l-argument illi wiehed kellu japplika dan il-famuz "14%" ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 billi wiehed juza l-istess kalkolazzjoni tal-Kummissarju xorta wahda l-figuri tal-Kummissarju kellhom ikunu differenti. .... Oltre dan, il-figuri kollha illi kienu fil-pussess tal-Kummissarju ghas-snin ta' stima 2005 u 2006, kif jirrizulta b'mod car mid-Dok. NP2, ma gewx imnizzla fid-Dok C. B'hekk, per ezempju, id-depoziti nieqes il-'premiums', il-'commissions', id-dhul tal-mara tieghu u l-ispejjez kollha l-ohra bhal dawk ta' l-Eagle Star, Middle Sea, MTA, ecc. ma gewx inkluzi. Inutili l-Kummissarju jipprova jargomenta illi dawn ma kienux fil-pussess tieghu. Dan mhux minnu kif jidher f'Dok. NP2 li kien id-dokument li fuqu, skond Neil Piccinino, ma kienux saru assumptions u illi l-Kummissarju accetta bhala korretti. Kieku dawn gew inkluzi u imnaqqsa fid-Dok C, ma jistax ikun hemm ebda dubbju illi ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 ma missu qatt inhargu stejjem fil-konfront ta' l-appellant ghal dak illi jirrigwarda d-dhul tieghu bhala "Insurance Agent"[13].*

Fir-rigward tas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004 ir-Rikorrent jikkontendi ulterjorment illi *filwaqt illi f'Dok. NP2 il-Kummissarju tat-Taxxi naqqas l-ispejjez inkorsi mill-appellant normalment abbinati man-negozju tieghu bhalma huma dawk ta' l-MTA, Middle Sea Insurance u ohrajn u naqqas ukoll il-premiums, il-'commissions' u d-dhul ta' martu, meta gie biex jikkalkola l-posizzjoni tieghu ghas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004, naqqas biss il-"premiums" u d-dhul ta' martu u naqas milli jnaqqas il-'commissions' kif ukoll l-ispejjez kollha normalment relatati man-negozju ta' l-appellant. B'hekk insibu illi f'Dok. NP2 il-linja fejn hemm imnizzla l-kelma "Commission" thalliet barra ghas-snin kollha in ezami. Oltre dan, ghas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004 il-Kummissarju ma naqqasx l-ispejjez legalment ammissibbli ghaliex fi kliem Neil Piccinino ghall-Kummissarju, ir-rikorrent ma kienx tah l-informazzjoni minnu mitluba. Bir-rispett fil-kors tal-provi gie muri totalment l-oppost. Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, Neil Piccinino kien ezebixxa sett ta' dokumenti li jikkonsistu f' workings li 't-taxpayer kien gab xi mammi ta' cekkijiet u kienu ttiehdu c-cekk number, id-date u lil min kienu indirizzati'. Skond huwa d-Dipartiment kien inghata biss dawn referibbli ghas-snin ta' stima 2005 u 2006[14].* Ir-Rikorrent jikkontendi

[13] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti, fol. 351 sa' 365 tal-process.
[14] *Ibid.*

li l-ezercizzju ta' l-ispejjez kellu jsir anke ghas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004 hekk kif sar ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 u r-rizultat ta' tali ezercizzju kien se jkun tnaqqis sostanzjali fl-ammont ta' *unexplained deposits* - fatt dan skontu rikonoxxut anke minn Neil Piccinino fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2012. Jikkontendi ghalhekk li: (i) *ovvjament kien hemm spejjez li kellhom jitnaqqsu kif fil-fatt kien sar ghas-snin ta' stima 2005 u 2006; (ii) illi kieku sar hekk l-'unexplained deposists' mhux biss kienu jonqsu izda kienu jonqsu* <u>*drastikament*</u>[15]*. M'huwiex minnu illi d-Dipartiment ma kellux il-mammi tac-cekkijiet. Dawn kienu ghandu u minnhom 'bdew jaraw lil min inhargu c-cekkijiet biex inaqsuhomlu bhala spjegi tad-Dipartiment." Fl-umli fehma ta' l-appellant, dak illi effettivament gara kien illi minhabba l-kwantità kbira ta' cekkijiet (jew ahjar mammi tac-cekkijiet) illi l-appellant ghadda lill-Kummissarju ghas-snin in kwistjoni, l-ezercizzju illi kellu jsir internament mill-Kummissarju ma sarx kif suppost kellu jsir u fejn sar, sar hazin*[16].

In sostenn ta' din l-affermazzjoni r-Rikorrent jirreferi ghax-xhieda moghtija minn James Bonavia u b'mod partikolari ghall-affermazzjoni tieghu li *ahna f'idejna waslulna c-cekkijiet, probabilment fl-istess baskett ghax milli jidher li qatt ma infetah dan il-baskett, gew f'idejna kwantità ta' cheque stubs, ghas-sena bazi 2001 sa' 2005 u ahna qabbadna nies internament biex jahdmu fuqhom, bl-istess mod li qabbadna nies ghal 2004 u 2005, u l-istess ezercizzju sar ghall-1, ghat-2, ghat-3, ghar-4 u ghal-5. ... mhux ezercizzju zghir jigifieri qed nghid prattikament hemm medja ta' bejn 8 u 10 cheque books kull sena u dawn in-nies nikkalkula jien li ghamlu xi 15-il gurnata, working days, jew minn 10 sa' 15 biex hadmu fuqhom u waslu ghar-rizultati finali u ccejat u reviewed u kollox*[17]. A bazi ta' tali xhieda r-Rikorrent isostni li *wara li sar dan l-ezercizzju, Deloitte qabdu d-Dok NP2 ezebit mill-Kummissarju, applikaw dak illi sabu bhala spejjez u hargu b'dokument illi gie immarkat Dok JB6 illi fih indikaw il-posizzjoni ta' l-appellant fir-rigward tan-negozju tieghu ta' "Insurance Agent" ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006 minghajr ma ttiehdu in konsiderazzjoni il-'commissions' illi l-Kummissarju skorrettament naqas milli jinkludi u jnaqqas fid-Dok NP2 imhejji minnu. Ir-rizultat juri b'mod car illi: (i) il-Kummissarju kellu fil-pussess tieghu d-dokumenti illi setghu wasluh sabiex jikkalkola l-ispejjez ta' l-appellant; (ii) minhabba ragunijiet illi jafhom il-Kummissarju, probabilment minhabba l-hin involut sabiex jigu analizzati c-cekkijiet kollha illi l-appellant kien ghaddielu, il-Kummissarju naqas milli janalizza bir-reqqa u jaghti kaz ic-cekkijiet kollha lilu mghoddija; (iii) fejn ta' kaz u cioè ghas-snin ta' stima 2005 u 2006, dan ghamlu b'mod traskurat. Dan qed jinghad ghaliex flok il-mitejn u erbghin (240) cekk illi l-Kummissarju kien nizzel bhala "missing cheques" fuq il-"workings" illi kien ezebixxa Neil*

[15] Enfasi tar-Rikorrent.
[16] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013, fol. 286 sa' 296 tal-process.

*Piccinino, kif xehed James Bonavia fir-realtà kien hemm biss tmenin (80) cekk nieqsin illi fi kliemu "jew qabzuhom jew ma rawhomx, ma nafx". Nonostante ghalhekk illi kellu il-materjal mitlub minnu sabiex jasal biex johrog stima korretta, hareg medja unilaterali w abuziva ta' Lm9,000 ghal kull sena ta' stima bbazata fuq percentagg ta' 14% kif jidher mid-Dok C. Dan il-percentagg, fi kliem Neil Piccinino, kien percentagg illi 'assuma' id-Dipartiment. Ma kienx hemm u fir-realtà ma hemmx logika jew formula matematika ghalih. Semplicement ghazlu din il-figura ta' 14% ghaliex "il-14% hija an average rate tal-commission fuq il-premiums, dik il-karta ta' Gasan Mamo, hemm premium biex nghidu hekk, u l-average kien ta' 14%". Minbarra l-fatt illi din id-decizjoni unilaterali w arbitrarja ta' percentagg ma jaghmel ebda sens, iktar ma jaghmilx sens meta wiehed jikkonsidra illi 'ex admissis', certament ghas-snin ta' stima 2005 u 2006, il-Kummissarju kellu l-figuri kollha a disposizzjoni tieghu (ara Dok NP2), kien allura jaf jew messu kien jaf illi l-'unexplained deposits' kellhom ikunu ferm inqas minn dawk ghas-snin precedenti (kif spjegat iktar 'l fuq f'din in-nota) izda xorta wahda baqa' ghaddej qisu xejn mhu xejn u hareg stima ta' Lm9,000 ghal kull sena ta' stima ta' 2004, 2005 u 2006. Bir-rispett, dan huwa agir irresponsabbli. Fil-kors ta' l-appell, il-Kummissarju pprova jiggranfa ma' l-argument illi ma kienx inghata t-'trade books' jew informazzjoni bizzejjed sabiex jasal jiddetermina stima korretta. Mill-kors tal-provi hareg illi l-appellant ghadda lill-Kummissarju dak kollu illi kellu fil-pussess tieghu meta mitlub u l-Kummissarju seta', bhal ma ghamlu Deloitte, jasal sabiex jiddetermina stima korretta u mhux eccessiva kif fil-fatt ghamel[18].*

Mill-provi prodotti u mill-atti processwali jirrizulta li bhala fatt fil-process intier fil-konfront tar-Rikorrent, ossia kemm dak ta' verifika kif ukoll dak ta' oggezzjoni, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hejja zewg *workings* fir-rigward tad-dhul tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proceduri: il-*workings* li jinsabu f'Dok. C[19] u l-*workings* li jinsabu f'Dok. NP2[20]. Il-*workings* f'dokument Dok. C inhadmu fl-istadju ta' verifika a bazi ta' informazzjoni moghtija mir-Rikorrent, ossia *bank statements* relattivi ghas-snin ta' stima 2002 u 2003 u dokument mahrug minn Gasan Mamo rigward *premiums* u *commissions* imhallsa, li kienu biss parti mill-infomrazzjoni u dokumentazzjoni mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi, u fejn il-Kummissarju ma kellux infomrazzjoni u/jew dokumentazzjoni a bazi ta' assunzjonijiet maghmula da parte tieghu. Il-*workings* f'dokument Dok. NP2, li nhadmu fl-istadju ta' oggezzjoni, inhadmu a bazi ta' xi *bank statements* u numru ta' *cheque stubs* relattivi ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 provduti mir-Rikorrenti f'dak l-istadju.

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process.
[19] Fol. 42 tal-process.
[20] Fol. 187 tal-process.

Nonostante l-pretensjonijiet u konsegwenti sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrent fir-rigward tal-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxi ttratta u hadem l-*assessment* dwar id-dhul tieghu bhala Insurance Agent u l-pretensjoni ulterjuri li se mai l-bazi ta' l-*assessment* kellu jkun id-dokument Dok. NP2, it-Tribunal iqis tali pretensjonijiet u konsegwenti sottomissjonijiet bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jaghti l-impressjoni li l-*workings* kif mahduma fid-dokument Dok. C u konsegwentement il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006, l-imsemmija snin inkluzi, ibbazati fuqu huma msejsa fuq assunzjonijiet u quindi ekwivalenti ghal *best of judgment assessments*, in verità dan ma huwiex ghal kollox minnu.

Mid-dokumenti esebiti minn Neil Piccinino a fol. 92 sa' 120 tal-process jirrizulta li fl-istadju ta' verifika r-Rikorrent gie mitlub jissottometti diversi dokumenti in konnessjoni max-xoghol tieghu bhala Insurance Agent ghas-snin bazi 2001 sa' 2005 (snin ta' stima 2002 sa' 2006) fosthom *bank statements* ta' kontijiet bankarji tieghu kemm lokali kif ukoll barranin, dokument li juri l-*premiums* u *commissions* imhallsa, il-kotba tan-negozju w ittra mill-banek lokali, senjatament BOV, HSBC u Lombard, dwar kontijiet li huwa seta' kellu maghhom. Nonostante tali interpellazzjonijiet id-dokumenti li huwa effettivament issottometta lill-Kummissarju fl-istadju ta' verifika kienu: (i) *bank statements* tal-kont mal-Lombard Bank bin-Numru 01174300173 ghas-snin bazi 2001 u 2002; **u** (ii) ittra mahruga minn Gasan Mamo li turi l-*premiums* u l-*commissions* imhallsa bejn l-2001 u l-2005, dawn is-snin inkluzi[21].

A bazi tal-*bank statements* prodotti u provduti l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kkalkula d-depoziti tar-Rikorrent tul is-snin bazi 2001 u 2002. Tali depoziti però qatt ma gew ikkunsidrati u meqjusa mill-Kummissarju tat-Taxxi bhala rapprezentanti d-dhul **intier** tar-Rikorrent tul dan il-perijodu peress illi huwa ma pprovda l-ebda prova li l-kont/kontijiet bankarji fir-rigward ta' liema pproduca l-*bank statements* kien l-uniku kont/kontijiet li huwa kellu u dana minkejja li, kif già osservat, ripetutament gie miltub jipprovdi tali prova fil-forma ta' ittra mahruga mill-BOV, HSBC u Lombard rispettivament. Mit-total ta' *deposits* li dwarhom il-Kummissarju tat-Taxxi kellu prova huwa naqqas l-ammont ta' *premiums* u *commissions* imhallsa fl-2001 u fl-2002 u naqqas ukoll id-dhul ta' martu min-negozju ta' beautician (kwistjoni w aspett dan li se jigi ikkunsidrat iktar 'l quddiem) u l-*assessed increases in profit* biex b'hekk hareg b'figura ta' *unexplained deposists* ammontanti ghal Lm64,794 ghas-sena ta' stima 2002 u ghal Lm46,359 ghas-sena ta' stima 2003. Peress illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ben konsapevoli tal-fatt li f'dawn l-*unexplained deposits* certament kien hemm spejjez/*disbursements* li ghamel ir-Rikorrent, li però ma tressqet l-ebda prova dwarhom, minflok ma hareg

[21] Fol. 50 tal-process.

*assessment* fuq l-ammont intier ta' Lm64,794 ghas-sena ta' stima 2002 u fuq l-ammont intier ta' Lm46,359 ghas-sena ta' stima 2003, huwa ghazel li johrog *assessment* fuq il-figura ekwivalenti ghal 14% ta' dawn l-*unexplained deposits,* li hadha bhala d-dhul taxxabbli mhux dikjarat tar-Rikorrent bhala Insurance Agent tul dawn is-sentejn.

Minn ezami akkurat ta' l-atti processwali u b'mod partikolari tad-dokumenti u workings esebiti minn Neil Piccinino, jirrizulta li dan il-percentagg ta' 14% rapprezentanti *commissions* ma hijiex xi figura *campata in aria* imma huwa *average percentage* tal-*commissions* imhallsa lir-Rikorrent bejn is-snin bazi 2001 u 2005, l-imsemmija snin inkluzi, skond *Commission Declaration* mahruga minn GasanMamo Insurance Limited datata 14 ta' Settembru 2006, esebita a fol. 50 tal-process.

B'hekk ghad illi sa' dan l-istadju indubbjament hemm konteggi maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ma jistax jinghad li dawn huma purament assunzjonijiet da parte tieghu in kwantu dawn huma konteggi li huwa ghamel a bazi ta' l-informazzjoni, ghad illi limitata, provduta lilu mir-Rikorrent. L-assunzjoni vera u proprja li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel f'dan l-istadju - u hawn it-Tribunal jghid li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien kostrett jaghmel tali assunzjoni minhabba l-fatt li r-Rikorrent naqas milli jipprovdi d-dokumenti u informazzjoni mitluba minnu - kienet fir-rigward tad-dhul taxxabbli bhala Insurance Agent mhux dikjarat da parte tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006. Ghal dawn is-snin ta' stima l-Kummissarju, gustament fl-opinjoni tat-Tribunal, ddetermina li d-dhul taxxabbli bhala Insurance Agent mhux dikjarat mir-Rikorrent kien ta' Lm9,000 ghal kull sena ta' stima.

Kien biss fl-istadju ta' l-oggezzjoni wara l-hrug tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 fit-12 ta' Mejju 2007, li r-Rikorrent ipproduca lill-Kummissarju tat-Taxxi **xi** *bank statements* ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006 kif ukoll *cheque stubs*, ghad illi mhux kollox, ghas-snin bazi 2004 u 2005 u, kif già iktar 'l fuq osservat, kien a bazi ta' din l-informazzjoni ulterjuri li inhadmu l-*workings* li jidhru fid-dokument Dok. NP2. Ghalkemm huwa minnu li f'dawn il-*workings* il-Kummissarju tat-Taxxi seta' jahdem b'iktar precizjoni d-depoziti tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006 kif ukoll l-ispejjez/*disbursements* tieghu ghas-snin ta' stima 2005 u 2006 u ghalkemm huwa minnu ukoll li fil-konteggi tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi ghal xi raguni ma naqqasx il-*commissions* percepiti mir-Rikorrent tul is-snin bazi 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006, it-Tribunal ma jaqbilx mar-ragunamenti maghmula mir-Rikorrent fir-rigward tar-rizultat ta' dawn il-konteggi u dwar il-pretensjoni tieghu li se mai kellhom jintuzaw dawn il-konteggi minflok dawk maghmula fid-dokument Dok. C.

Ghalkemm il-figura ta' l-*unexplained deposists* ghas-snin kollha u b'mod partikolari ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006 tonqos jekk jitnaqqsu l-*commissions* imhallsa lir-Rikorrent b'dana li ghas-sena ta' stima 2004 jinzlu ghal Lm26,064.06, ghas-sena ta' stima 2005 jinzlu ghal Lm4,658.89 u ghas-sena ta' stima 2006 addirittura jkun hemm rizultat ta' -Lm14,571.89, dawn il-konteggi ma jistghux u ma ghandhomx jigu utilizzati ghall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dhul taxxabbli tar-Rikorrent bhala Insurance Agent tul is-snin in kwistjoni u dana ghas-segwenti ragunijiet:

- Il-posizzjoni dwar id-dokumentazzjoni relattiva ghall-ispejjez/*disbursements* tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2002 u 2003 baqghet l-istess, ossia din id-dokumentazzjoni ma gietx prodotta fi stadju ta' oggezzjoni w allura necessarjament kellhom jibqghu japplikaw il-konteggi skond id-dokument Dok. C;
- In kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006, ir-Rikorrent ma ipprovda l-ebda prova konkreta u tanto meno konklussiva li l-*bank statements* esebiti minnu kienu ta' l-unici kont/kontijiet bankarji tieghu. Ghalkemm ir-Rikorrent ripetutament gie mitlub jipproduci prova li ma kellux fiz-zminijiet rilevanti kontijiet bankarji ohra mal-BOV, HSBC u/jew Lombard, prova din li fil-fehma tat-Tribunal setghet facilment tigi prodotta, **partikolarment quddiem it-Tribunal**, huwa baqa' qatt ma ressaq tali tip ta' prova. B'hekk ma hemmx prova konklussiva li d-depoziti tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004, 2005 u 2006 kienu biss dawk effettivament prodotti mir-Rikorrent u ghalhekk jsegwi li ma hemmx prova li l-ammont rizultanti ta' *unexplained deposists* jew addirittura ammont negattiv li donnu jirrizulta ghas-sena ta' stima 2006 effettivament jirrapprezenta l-unici *unexplained deposits* ghal dawk is-snin;
- L-argument tar-Rikorrent li applikat il-percentagg ta' 14% ghall-figuri rizultanti fid-dokument Dok. NP2 l-ammonti rizultanti jkomplu jonsqu drastikament, ma jsib l-ebda sostenn u dana billi se mai tali percentagg japplika biss ghal dawk is-snin fejn ma giet prodotta l-ebda prova dwar spejjez/*disbursements* maghmula mir-Rikorrent - 2002, 2003 u 2004 - u mhux ukoll ghal dawk is-snin fejn ressaq prova ta' l-ispejjez/*disbursements* tieghu - 2005 u 2006. Kif già iktar 'l fuq osservat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni intaxxa biss 14% mill-*unexplained deposists* ghas-snin ta' stima 2002 u 2003 biex jiehu in konsiderazzjoni l-ispejjez/*disbursements* li r-Rikorrent certament kellu f'dawk is-snin ta' stima izda li dwarhom ma tressqet l-ebda prova. B'hekk fejn tressqet prova dwar l-ispejjez/*disbursements* ma jaghmel l-ebda sens li jigi intaxxat biss 14% ta' l-*unexplained deposits* rizultati peress illi jekk dan kellu jsir ikun qed isir tnaqqis ulterjuri ghal kollox ingustifikat.

Tul is-smigh ta' dawn il-proceduri r-Rikorrent ittenta juri li l-*assessments* maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghad-dhul tieghu bhala

Insurance Agent huma eccessivi tramite x-xhieda ta' James Bonavia[22] u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JB6" a fol. 263 sa' 285 tal-process. Fir-rigward James Bonavia xehed illi: *prattikament ahna dorna d-dokumenti li tressqu w ergajna qabbadna nies internament jigifieri nies li jahdmu maghna fid-ditta stess biex jergghu jikkomputaw dawk il-kalkulazzjonijiet. Jigifieri d-dokumenti NP3 u NP4 ahna ergajna ikkomputajniehom u fil-fatt imlejna, jidher li meta nhadmu ghax fid-dokument ta' l-2004 u l-2005 jidher li kien hemm missing cheques, kien hemm ikkummentat fuq NP3 u NP4 li hemm missing cheques. ... Missing cheques jigifieri meta s-sur XXX ressaq volum ta' cheque books li prattikament qisu bejn 9 u 10 kull sena lit-taxxa, min hadimhom injorha xi cheque books minnhom. ... It-taxxa ma nizlitx dawk ic-cheque books u ovjament ahna meta staqsejna lil Mr.XXX u ghednilu gibilna l-istess dokumentazzjoni li tajt lit-taxxa, gabilnha, hdimnieha kollha, l-missing cheques irrizulta li fil-fatt minn 240 missing cheques kull ma kien hemm 80 missing cheque, u abbazi ta' dik ergajna ikkumputajna l-NP3 u l-NP4 bic-cekkijiet li sibna.*

In risposta ghall-mistoqsija: *u dawn huma biss ghas-sena ta' stima 2005 u 2006, issa f'dik il-karta li hemm NP2 huma nizlu biss 2005 u 2006, però ghas-snin 2002, 2003 u 2004 dejjem ghas-sena ta' stima d-Dipartiment tat-Taxxa ma nizzel xejn fil-parti t'isfel fejn hemm spejjez, qed nirreferi ghal-BOV Card, Eagle Star, Gasan Mamo, Gouder Health Care, Gauda, MTA, etc. Issa f'dan kollu l-importanti hu li Neil Piccinino, f'seduta fl-1 ta' Novembru 2012, f'pagna 3 fil-qiegh, stqarr li bilfors kien hemm spejjez simili ghas-snin 2002, 2003 u 2004, izda qal u hawn qieghed kwotat li t-taxxa kull ma kellhom kien id-depoziti li gew esebiti minnhom bhala dok D u allura qatt ma setghu waslu ghal dawn l-ispejjez ghas-snin 2002, 2003 u 2004. Int xi twiegeb, mid-dokumentazzjoni identika li nghatajtu intom cioè ic-cheques stubs, dak li qed jghid is-sur Piccinino huwa minnu, stajtu taslu jew wasaltu ghall-ispejjez tas-sena ta' stimi 2002, 2003 u 2004?* James Bonavia wiegeb: *yes ahna f'idejna waslulna c-cekkijiet, probabilment li fl-istess baskett ghax milli jidher li qatt ma nfetah dan il-baskett, gew f'idejna kwantita ta' cheque stubs, ghas-sena bazi 2001 sa' 2005 u ahna qabbadna nies internament biex jahdmu fuqhom, bl-istess mod li qabbadna nies ghal-2004 u l-2005, u l-istess ezercizju sar ghal-1 ghat-2 ghat-3 ghal 4 u ghal 5.* Mistoqsi ulterjorment: *u dawn id-dokumenti u l-pozzizjonijiet finali, inti ghandek dokument fejn qed turi s-sena 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 riveduti skond il-kalkulazzjonijiet taghkom wara li hadthu l-istess check stubs x'pozizjoni kien ikun hemm, naqblu?* James Bonavia wiegeb: *Iva.* U ghad-domanda: *Sewwa, però la l-unxplained deposits ta' kull sena x'irrizultalkom issa, f'dawn il-kalkulazzjonijiet il-godda?* James Bonavia wiegeb: *prattikament hadna l-istess titli, jigifieri qbadna l-istess figuri skont l-NP2, jigifieri bdejna mill-89,858 ghas-sena ta' stima 2002 u minn hemm imlejna dawk il-BOV card, Eagle Star, Gasan Mamo, Gouder Health Care, MTA*

[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013.

*etc, biex imbaghad ahna mill-unexplained deposits naraw ezatt fejn jirrizulta. Dak li jekk ikolli niehu l-ewwel figura ghas-sena ta' stima 2002, l-89,858 jigi jaqra 60,772. Ta' l-2003 minn 79,959 jigi jaqra 44,050. Tas-sena ta' stima 2004 minn 54,535 jigi jaqra 93,000. Tas-sena ta' stima 2005 minn 38,952 jinzel ghal-17,925 u ta' l-2006 minn 21,706 jigi ghal minus, negative jigifieri 2,680.*

It-Tribunal però difficilment jista' jaccetta l-konteggi maghmula minn James Bonavia u/jew in-nies minn Deloitte bhala prova ta' l-ispejjez/*disbursements* tar-Rikorrent tul is-snin bazi 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 u dana fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li: *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jistghu jingiebu quddiemu jew jinksibu minnu, skond l-ahjar gudizzju tieghu, jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun giet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat huwa jista, bl-istess mod jaghmel stima jew stimi addizzjonali: **izda jekk ikun hemm prova li, wara li tigi miltuba mill-Kummissarju, permezz ta' avviz bil-miktub, dik il-persuna minghajr raguni tajba tonqos milli tipprezenta xi records, dokumenti, kontijiet jew data elettronika fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dik l-ordni u tkun harget ordni bil-miktub mill-Kummissarju kif imsemmi fl-artikolu 33(5)*** [ossia Likwidazzjoni ta' Taxxa finali] ***dik il-persuna ma ghandhiex tithalla tipprezenta dawk ir-records, dokumenti, kontijiet jew data elettronika quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jew f'xi Qorti tal-Gustizzja***[23].

Ghalkemm James Bonavia fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 ipprova jaghti l-impressjoni li d-dokumentazzjoni analizzata minnu u/jew minn nies ta' Deloitte kienet l-istess dokumentazzjoni sottomessa mir-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u li din kienet id-dokumentazzjoni kollha rikjesta, in verità dan ma huwiex il-kaz u bhala fatt fil-kontro-ezami tieghu hareg b'mod car li ghalkemm huwa talab lir-Rikorrent jipprovdih bid-dokumentazzjoni li nghatat lill-Kummissarju tat-Taxxi huwa ma ghamel l-ebda verifika biex jaccerta ruhu li d-dokumenti moghtija lilu kienet bhala fatt inghatat lill-Kummissarju. In risposta ghall-mistoqsija: *fis-seduta tal-31 ta' Jannar inti komt ipprezentajt dokument li jismu Adjusted Form MEP2 li huwa Dok.JB6 a fol 263 tal-process, issa dan ikopri snin ta' stima 2002 sas-sena ta' stima 2006, ghas-sena ta' stima 2006 kont*

[23] Enfasi tat-Tribunal.

*ipprezentajt ukoll spreadsheet intitolata missing charts 2005 li tinsab a fol 282 tal-process, tista' tispjega f'aktar dettal il-kontenut ta' din l-ispreadsheet?* James Bonavia wiegeb *prattikament l-ispreadsheet tal-missing cheques 2005 id-dipartiment kien ipprezentaha f'xi seduta qabel, jekk mhux sejjer zball meta kien ghad hawn Neil Piccinino, fejn kien ipprezentalna r-rendikont tac-cheques tal-2004/2005 u kien tana bid-dettal kull cheque u kienu mnizzla bhala NP3 li huwa relatat mat-2004 u NP4 li kien relatat mat-2005. L-ispreadsheet qieghda s-CIR info jigifieri d-dettal skont NP4 fl-ewwel kolonna li huma dawk il-breakdowns li jidhru fl-ahhar pagna tal-NP4, 2655 Gouder 1586, 31,100 etc. u maghhom zidna c-cheque books li jidhru missing skont din is-schedule NP4 biex wasalna ghal total gdid. Filwaqt li Eagle Star kien jidher mill-informazzjoni fl-NP4 ta' 2651, ahna gejna ghal figura ta' 3853. Simili ghal Gouder bdejna ghal 1586 u spiccajna 1818, Malta Transport Authority telghin ghall-figura ta' 39,000 jigifieri prattikament qbadna l-missing cheque books li kienu jidhru bhala missing u fil-verita' dawn kienu jidhru hemmhekk u setghu jigu vverifikati u wasalna ghal figura emendata li tehodna mit-2005 ghad-dokument NP2 fejn il-figura tizdied bl-ispejjez tac-cheques il-godda li fil-verita' ma kienux missing.* Ghad-domanda tat-Tribunal *jigifieri qed nifhmek sew illi dak li d-dipartiment qed ighidilhom missing cheque books kienu mac-cheque books li nghataw lid-dipartiment bhala stubs?* James Bonavia wiegeb *probabbli fl-istess basket,* izda mistoqsi ulterjorment *imma il-basket kont hadtu inti lid-dipartiment?* wiegeb *le kien hadu s-sur XXX u s-sur XXX gabru mid-dipartiment u gabu ghandna* u mistoqsi ulterjorment *però jista' jkun li dawk ic-cheques ma kienux f'dak il-basket?* wiegeb *jista' jkun imma ma nahsibx imma jista' jkun u qed nghid hekk ghaliex ic-cheques ingabu f'bundle bil-lastiktu u dan qisu kien ikollu ghaxar cheque books fis-sena u kif kienu, skont is-sur XXX, ma qaghadx jerga' jiftahhom imma gabhom f'basket ahdar,* izda in fine mistoqsi *imma mintix mija fil-mija cert li dawn marru ghand id-dipartiment?* James Bonavia wiegeb *dawn ma hadthomx jiena u lanqas gibthom jiena* u mistoqsi *u ma kienx hemm rendikont ta' x'dahal id-dipartiment?* Wiegeb *le u nghidlek il-verità qatt ma rajt rendikont t'hekk.* Mistoqsi wkoll dwar ic-cheque stubs li ghaddielhom ir-Rikorrent u b'mod partikolari in fine mistoqsi *nerga' nistaqsik meta dawn gew sottomessi u ma tistax tghid mija fil-mija x'gie sottomess jew le?* James Bonavia wiegeb *le*[24].

Li effettivament jirrizulta huwa li mid-dokumenti kollha mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni r-Rikorrent ipproduca parti biss u d-dokumenti a bazi ta' u li jiffurmaw is-sustanza tax-xhieda ta' James Bonavia ma kienux fosthom. Mill-provi prodotti mir-Rikorrent ma tirrizulta l-ebda raguni valida ghalfejn dawn id-dokumenti, inkluzi anke kotba tan-negozju, ghad illi mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni baqghu ma gewx lilu sottomessi u tressqu biss jew ta' l-inqas sar accenn ghalihom biss waqt dawn

[24] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2013.

il-proceduri. Kif inghad James Bonavia ma kienx f'posizzjoni li jaghti konferma cara u konkreta li d-dokumenti forniti lilu kienu inghataw lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mistosqi jekk kienx jaf ghalfejn dawn id-dokumenti u dokumentazzjoni ohra relatata ma' aspetti ohra ta' l-*assessments* maghmula fil-konfront tar-Rikorrenti ma gewx sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi, huwa semplicement wiegeb *ma nafx le*. Da parte tieghu r-Rikorrent ukoll ma jaghtix spjegazzjoni valida ghalfejn id-dokumenti minnu mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma gewx provduti ghad illi in segwitu - bi prova li ttenna jaghmel ir-Rikorrent stess tramite x-xhieda ta' James Bonavia - irrizulta li kienu fil-pussess tieghu. In effetti mistoqsi in kontro-ezami *waqt l-istadju ta' verifika li ghamel id-dipartiment, kien talbek ghall-kotba tan-negozju, inti kont gibthom dawn il-kotba tan-negozju?* ir-Rikorrent kien evasiv fir-risposta tieghu u semplicement wiegeb: *iva imma trid tiddistingwi li jiena t-tip ta' negozju kif nahdmu ahna, ahna bazikament kull ma naghmlu, inzommu records u nqabbluhom mal-istatement li jaghtuna kull xahar Gasan Mamo. Dak ovvjament kemm nirrekordjaw l-ispejjez li nkunu ghamilna*. Mistoqsi wkoll: *dawn kont ipprezentajthom lid-dipartiment?* ir-Rikorrent wiegeb *ipprezentajna hafna dokumenti*, minghajr però ma elabora ulterjorment.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk ic-cirkostanzi rigwardanti l-prova li r-Rikorrent jittenta jaghmel tramite x-xhieda ta' James Bonavia u dokumenti esebiti minnu jaqghu sfiq entro l-provvediment tal-*proviso* ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali ghalhekk l-istess ma jistghux u ma ghandhomx jigu ikkunsidrati bhala prova valida ta' l-eccessività ta' l-*assessments* maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tad-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent. Naturalment din hija raguni ulterjuri, flimkien ma' dawk iktar 'l fuq moghtija, ghalfejn l-*assessments* maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tad-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent ma ghandhomx u ma jistghux jitqiesu eccessivi.

Jigi in fine osservat li fejn ir-Rikorrent jipprova jiminimizza l-importanza tal-produzzjoni tal-kotba tan-negozju tieghu billi jiccita riassunt ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 2009 kif riportat fil-ktieb "Sixty Years of Income Tax Appeals" mahrug mill-Institute of Taxation fl-2015, in verità dak osservat mill-Qorti f'dik is-sentenza ghandu xejra differenti minn dik li jipprova jaghti u r-Rikorrent u meta dak hemm provdut jigi ikkunsidrat fid-dawl tal-fatti tal-kaz in ezami tirrizulta kkonfermata l-osservazzjoni tat-Tribunal li fil-kaz in ezami l-*assessments* maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tad-dhul tar-Rikorrent bhala Insurance Agent ma ghandhomx u ma jistghux jitqiesu eccessivi.

F'dik id-decizjoni l-Qorti ta' l-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *jibda biex jigi osservat illi l-hsieb profess mill-Bord fid-decizjoni tieghu, in*

*referenza għall-istima tal-Kummissarju, kien artikolat fuq dawn il-binarji:-*

*(a)Ma ġiet avvanzata ebda spjegazzjoni razzjonali dwar il-workings ta' l-istess stima; (b)Id-diverġenza qawwija bejn id-dħul kif dikjarat mit-taxpayer u ċ-ċifra taxxabbli komputata mill-Kummissarju. Hawnhekk il-Qorti jidhrilha xieraq li qabel kull konsiderazzjoni oħra tirreplika din il-preċizazzjoni ġja magħmula f'sentenzi preċedenti tagħha, u cjoe, li skop preponderanti ta' kull liġi fiskali hu dak li kulħadd irodd dak li hu tassew dovut minnu skond il-liġi. Naturalment, din l-esiġenza kellha tkun imwieżna fuq il-bilanċja ta' dik il-ġustizzja fiskali li trid li t-tax liability assessjata tkun bażata fuq ċifri attendibbli u ta' min jorbot fuqhom. Fil-verità, il-liġi la toħloq xi preżunzjoni favur id-dikjarazzjoni tar-redditi mit-taxpayer u lanqas favur l-istima mill-Fisco. Kieku kien hekk ma kienx ikun hemm l-utilità li l-istess liġi takkorda fl-ewwel lok l-użu tad-diskrezzjoni fil-Kummissarju u, sekondarjament, l-eżerċizzju ta' dik l-istess diskrezzjoni fil-Bord [Artikolu 35 (4) tal-Kapitolu 372]. Hi skorretta l-impressjoni illi l-Bord kellu joqgħod għal kollox fuq l-istima tal-Kummissarju bħala xi verità sagrosanta, meta l-parti tkun qed tikkontestalu l-motivazzjoni wara ċ-ċifri tiegħu. Huwa veru li f'dan il-każ l-appellanti ma pproduċiex dokumenti jew provi sodisfaċenti biex isostni l-assunt tiegħu ta' l-eċċessività ta' l-istima. Fil-fehma tal-Qorti dan però ma kienx iżomm lill-Bord milli jikkummenta illi l-Kummissarju lanqas ma pprova l-fonti ta' dik l-istima permezz ta' l-esebizzjoni tal-workings tiegħu. Ċertament, id-diskrepanza bejn dak iddikjarat mit-taxpayer u l-kalkolu magħmul mill-Kummissarju allertawh illi dik l-istima, la ma ġietx sodisfaċentement spjegata, ma kellhiex ta' bilfors tkun assunta bħala li tirrispekkja d-dħul veru u fil-konkret ta' l-appellanti. Il-Kummissarju għandu almenu jikkonċedi illi l-Bord kien fil-libertà, skond il-poter diskrezzjonali tiegħu, illi ma jassumiex fl-astratt il-korrettezza ta' dik l-istima. Meta l-Bord eżerċita dik id-diskrezzjoni b'dak il-mod hu kellu quddiemu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif sottomessi lilu. Mhux lanqas, dik tad-diverġenza bejn id-dħul iddikjarat minn naħa u d-dħul presuppost minn naħa l-oħra. Ex-facie l-inkartament tal-każ, ir-raġonament tiegħu ma jidhirx li jippekka la kontra il-liġi u lanqas kontra dik il-viżjoni li l-ġustizzja fiskali kienet hekk tesiġi minnu. Il-konkluzjoni ta' dawn ir-riflessjonijiet hu allura dak li l-appell inċidentali ma għandux jiġi akkolt.*

Huwa immedjatament evidenti li dak il-pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell ma jistax jiġi applikat għall-każ in eżami għar-raġuni li kif già iktar 'l fuq osservat il-Kummissarju tat-Taxxi - jew aħjar ir-rappreżentant tiegħu Neil Piccinino - ta spjegazzjoni ċara ta' kif inħadmu l-*assessments* dwar id-dħul tar-Rikorrent bħala Insurance Agent, *assessments* dawn mhux tant ibbażati esklussivament fuq assunzjonijiet iżda *assessments* ibbażati fuq *workings* maħduma a bażi ta' l-informazzjoni provduta mir-Rikorrent, għad illi waħda limitata.

Kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent l-importanza fondamentali ta' zamma ta' kotba tan-negozju **u wkoll** ta' sottomissjoni ta' l-istess lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tad-dokumentazzjoni kollha minnu mitluba tirrizulta b'mod car minn dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 9/04** deciza fl-10 ta' Ottubru 2005, u cioè li: *hu pacifiku l-hsieb espress drabi ohra fir-rigward tad-dokumentazzjoni li ghandu jzomm taxpayer, li hu wkoll fin-negozju, illi "l-ligi ma holqot ebda presunzjoni favur il-kotba ta' taxpayer kummercjant b' mod li torbot anke biss prima facie id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi da parti tal-Kummissarju u tal-Bord tal-Kummissarji Specjali u ghalhekk dan jista' fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu jiddetermina l-ammont ta' dak l-income meta jsib bhala fatt illi m' ghandux joqghod fuq il-kotba jew provi tat-taxpayer li ma jkunx ta taghrif bizzejjed biex jigi stabbilit l-income ghal kollox jew in parti" ("**A. B. -vs- Joseph Mifsud Bonnici nomine**", Appell, 27 ta' Dicembru 1960). Fil-kaz prezenti l-Bord sab mhux biss li d-dokumenti forniti mill-appellanti ma kienux sufficcjenti izda dan naqas ukoll milli sodisfacentement igib ghad-disposizzjoni u ezami tieghu d-dokumentazzjoni rikjesta lilu mill-Kummissarju, kif aktar 'il fuq accennat. Minn din il-konsiderazzjoni tiskaturixxi dik l-ohra relattiva ghal piz tal-provi, li, fil-kaz in disamina, il-ligi tezigi li dan hu inkombenti fuq l-appellant in dimostrazzjoni ta' l-eccessività ta' l-istima [Artikolu 35 (3) ta' l-Att]. Jinhass opportun li din il-Qorti tapprofondixxi din it-tematika in kwantu l-legislatur iddixxiplina l-oneru tal-prova fuq it-taxpayer. In-norma dettata mill-Artikolu 35 (3) imsemmi ssib sostenn fir-regola tradizzjonali illi min jallega jrid jipprova. Regola din li tesprimi l-esigenza logika li tghabbi fuq spallejn minn jallega fatt – f' dan il-kaz l-eccessività ta' l-istima – id-dmir li jaghti prova sodisfacenti, perswasiva u konkludenti ta' l-istess fatt. Huwa bil-wisq ragjonevoli illi l-kwalifika stess tal-prova bhala "piz" iggib illi d-disimpenn taghha titraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti hekk mghobbija b' dak il-piz. Dan anke ghaliex in-nuqqas ta' prova tal-fatt allegat ihalli l-qaghda fi stat permanenti ta' incertezza li ma tistax hlief tissarraf f' dannu ghal min hu hekk gravat li joffri c-certezza. Il-konsegwenza hi li una volta l-piz tal-prova jsir regola legali ta' gudizzju, min hu imsejjah biex jiggudika jikkonsidra l-fatt dedott bhala li ma jikkorrispondix ghas-sewwa –"non esse et non probari paria sunt". Kif intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Rosario Spiteri -vs- Michele Mifsud**", Appell Kummercjali, 30 ta' Ottubru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**), "in bazi tad-dritt probatorju, il-fatt ghandu jkun sufficjentement provat meta l-gudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-gudizzju, ic-certezza morali tal-verità tal-fatt. Kif jghid id-Domat, 'une preuve est tout ce qui persuade l' esprit d' une veritè' ". Kif gja fuq espress, il-mezzi ta' prova jappartjenu fil-kaz ta' dokumentazzjoni ghal dak il-katalogu prefissat mil-legislatur ghax-xorta ta' records "xierqa u sufficcjenti" fl-Artikolu 19 ta' l-Att. Issa* ***anke jekk din il-Qorti lesta tikkoncedi illi x-xorta jew tipicità ta' prova ma ghandhiex***

***necessarjament u tassattivament tkun limitata ghal dawk biss kompendjati fil-precitat artikolu, b' danakollu r-riljiev l-aktar fundamentali jibqa' dak illi kwalsiasi tip ta' prova xort' ohra jehtieg li twassal dejjem ghal liberu konvinciment ta' min irid jiggudika, intiz dan mhux biss bhala libertà ta' valutazzjoni tal-mezzi probatorji, ferm s' intendi l-vinkolu tal-prova legali fejn tokkorri, izda wkoll bhala libertà tal-fonti tal-konvinciment proprju. Sitwazzjoni din li mill-qari u ezami tas-sentenza attakkata ma tokkorrix. Jigi ghalhekk illi, kif stabbilit fis-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali ta' l-14 ta' Settembru 1950, "meta t-taxpayer ma jistax jipproduci dokumenti biex juri li t-taxxa likwidata hija eccessiva ... l-Bord ikollu jichad l-appell il-ghaliex il-piz tal-prova hu tieghu***[25] ***". ("A. B. u C. D. -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni",*** *Kawza Nru. 10/50).*

Trattat dan is-sors ta' dhul tar-Rikorrent u l-*assessment* relattiv da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal se jghaddi issa biex jittratta l-*assessment* dwar *Fringe Benefits* ghall-Use of Pleasure Yacht.

**Assessment dwar fringe benefits - Use of Pleasure Yacht**

Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-uzu da parte tar-Rikorrent u l-familja tieghu ta' yacht di proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited, li taghha kien azzjonist u Direttur, jaqa' entro r-regime tal-*Fringe Benefits* u ghaldaqstant huwa taxxabbli. Huwa jibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu fuq ir-Regolament 3(1)(b) u r-Regolament 20(1) tar-Regoli dwar Beneficcji minn Impjieg jew Kariga, Legislazzjoni Sussidjarja 123.55. L-imsemmija Regolamenti jipprovdu li: *3(1) Hlief fejn huwa provdut xort' ohra f'dawn ir-regoli, beneficcju ghandu jitqies li jinghata minhabba f'impjieg jew kariga jekk - (b) jinghata minn kumpannija jew socjetà lil individwu li jkollu kariga f'dik il-kumpanija jew socjetà*; u *20. L-uzu privat minn persuna ta' proprjetà, hlief ghal vettura kif imfissra f'Taqsima B ta' dawn ir-Regoli, li hi proprjetà ta', jew mizmuma b'titolu ta' kera minn persuna ohra ghandu jitqies li jkun beneficcju moghti mill-persuna imsemmija l-ahhar lil dik imsemmija qabel*[26]*.*

Fin-Nota Responsiva tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi jissottometti li *l-yacht li r-rikorrent kien juza b'mod li ma kienx fil-kors normali ta' dmirijietu bhala direttur tal-kumpannija, kienet proprjetà mobbli ta' Amethyst Shipping Limited u minhabba l-kariga tieghu fl-istess kumpannija l-uzu ta' tali yacht minnu u mill-familja tieghu huwa beneficcju taxxabbli a tenur ta' l-Atti dwar it-Taxxa. Ghalhekk l-esponent intaxxa l-beneficcju li huwa rcieva fl-*

[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Test tar-Regolament 20 qabel l-emenda introdotta bl-Avviz Legali 205 ta' l-2017.

*istima kif mahruga minnu. Illi l-metodu uzat mill-esponent Kummissarju sabiex jasal ghall-fringe benefit li r-rikorrent kellu mill-uzu tal-yacht kien skond dak ipprovdut fir-regoli. L-esponent ha 60% tal-prezz tal-yacht (Lm26,100 kif ukoll ikkonfermat minn James Bonavia fix-xhieda tieghu tal-31 ta' Jannar 2013) skond ir-regola 19(d) u immultiplika r-rizultat bi 12% kif specifikat fir-regola 24(1)(a). Biex b'hekk wasal ghall-valur tal-beneficcju annwali li gawda r-rikorrent*[27].

Da parte tieghu r-Rikorrent jikkontendi li *l-istima mahruga mill-Kummissarju fil-konfront ta' l-appellant fir-rigward tal-'private yacht' kienet ibbazata unikament fuq 'assumption' minghajr ebda tentattiv sabiex isir xi forma ta' approfondiment jew investigazzjoni dettaljata dwar jekk effettivament kenitx tikkonsisti fi 'fringe benefit' ai termini tal-Ligi. Ghal kuntrarju, mix-xhieda ta' James Bonavia, accountant li jahdem fuq xoghol ta' taxxa ma' Deloitte, jirrizulta illi:- (a) il-kumpannija in kwistjoni ma kellhiex attivita ekonomika; (b) il-kumpannija kellha telf akkumulat ta' xi Lm6,000 sal-31 ta' Dicembru 2001; (c) il-kumpannija kienet giet finanzjata mill-azzjonisti taghha li kellhom jiehdu cirka Lm32,000 minghandha sal-31 ta' Dicembru 2001. ... Il-fatt illi l-appellant seta' jew ma setax ghamel uzu mill-'yacht' in kwistjoni huwa argument sekondarju ghal dak li titlob il-ligi. Wiehed irid ihares lejn jekk il-kumpannija in kwistjoni li taghha l-appellant kien direttur, kenitx kumpannija li kienet qed taghmel attività ekonomika cioè tiggenera dhul ghaliex huwa biss f'dan il-kaz illi wiehed seta' possibilment iqajjem l-argument ta' 'fringe benefit' ai termini tal-Ligi. Mill-provi rrizulta illi din il-kumpannija ma ghamlet ebda attività ekonomika. L-appellant ihoss illi l-Kummissarju kellu obbligu illi l-ewwel jivverifika dan il-punt kardinali qabel ma johrog stima bhal ma ghamel unikament a bazi ta' 'assumption' ghaliex kien jigi evitat telf ta' hin prezzjuz ghal kulhadd li kieku sar hekk*[28].

Fil-fehma tat-Tribunal tali sottomissjoni tar-Rikorrent però hija ghal kollox zbaljata in kwantu hija bbazata fuq interpretazzjoni skorretta tar-Regoli dwar Beneficcji minn Impjieg jew Kariga, Legislazzjoni Sussidjarja 123.55.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm Neil Piccinino iddikjara li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni assuma li r-Rikorrent kien jaghmel uzu mill-yacht di proprjetà ta' Amethyst Shipping Limited, mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tar-Rikorrent jirrizulta kkonfermat li bhala fatt hu u l-familja tieghu kienu jaghmlu uzu personali ta' l-imsemmi yacht. In kontro-ezami mistoqsi *jidher li l-kumpannija kellha yacht, kont tuzaha dik il-yacht fil-hin privat tieghek?* ir-Rikorrent wiegeb *dik nassumu li tafu aktar minni li dak iz-zmien fin-1993, meta kont tixtri dghajsa, kont tixtriha, taghmilha on*

[27] Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 370 sa' 393.
[28] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process.

*offshore company u l-local company jirrangawlek l-Avukati u dik kienet is-sistema jigifieri.* Fuq mistoqsija ulterjuri *però d-dghajsa kienet tieghek jew tal-kumpannija?* ir-Rikorrent wiegeb *id-dghajsa f'isem il-kumpannija u l-uzu ovvjament kont nuzaha jiena imma l-kumpannija u jiena dak il-hin kont qed inqisha bhala entità wahda prattikament*[29]. James Bonavia wkoll ikkonferma li l-yacht proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited kienet tintuza biss u esklussivament mir-Rikorrent *qua* Direttur tas-socjetà.

Stabbilit ghalhekk li l-uzu personali da parte tar-Rikorrent tal-yacht proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited, li taghha kien azzjonist u Direttur, huwa fatt u mhux mera assunzjoni, jigi osservat illi r-Regoli dwar Beneficcji minn Impjieg jew Kariga, Legislazzjoni Sussidjarja 123.55, senjatament ir-Regolament 3(1) u r-Regolament 20(1), jistabilixxu presunzjoni *juris tantum* dwar cirkostanzi li fihom beneficcju jitqies li jinghata minhabba f'impjieg jew kariga - Regolament 3, u meta l-uzu personali da parte ta' persuna ta' proprjetà mobbli ta' terza persuna jitqies bhala beneficcju milqut bl-effett ta' tali Regoli - Regolament 20. Mill-imsemmija Regolamenti hawn iktar 'l fuq citati jirrizultaw is-segwenti presunzjonijiet *juris tantum*: (i) illi meta beneficcju jinghata minn socjetà lil individwu li jkollu kariga fi hdanha, bhalma hu d-Direttur, dak il-beneficcju jitqies li nghata minhabba f'dik il-kariga; **u** (ii) l-uzu privat minn persuna ta' proprjetà - hlief ta' vettura kif imfissra fir-Regoli in kwistjoni - li hi proprjetà ta' terza persuna, jitqies li jikkostitwixxi beneficcju moghti minn din il-persuna lill-persuna imsemmija qabel.

Naturalment essendo dawn presunzjonijiet *juris tantum* jistghu jigu debitament kontradetti jew michuda permezz ta' provi izda, fil-kaz tar-Regoli dwar Beneficcji minn Impjieg jew Kariga din ma tistax tkun kwalunkwe prova li jidhirlu t-*taxpayer* - kif donnhom jippretendu r-Rikorrent u James Bonavia - izda trid tkun prova ta' l-ezistenza ta' cirkostanza specifikatament prevista u kontemplata fir-Regoli infushom. Hawn it-Tribunal qed jaghmel referenza ghar-Regolament 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 123.55 li jipprovdi illi: *il-prezunzjonijiet imsemmija fis-subregola (1)(a), (b), (d) u (e) jistghu jincahdu jekk tingieb prova li: (a) il-beneficcju jkun donazzjoni maghmula minn individwu ghal ragunijiet li jkunu ghal kollox personali; jew (b) il-beneficcju jinghata bi hlas finali jew akkont ta' dejn li ma jkollux x'jaqsam ma' xi servizzi moghtija fil-kors ta' l-impjieg jew il-kariga; jew (c) il-beneficcju jkun tqassim ta' profitti minn kumpannija jew socjetà jew ikun jirrapprezenta drawings maghmula minn socju akkont tas-sehem tieghu tal-profitti tas-socjetà, u jinghata kont tieghu bhala tali fir-records ta' dik il-kumpannija jew socjetà.*

[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2013.

Meta l-provi prodotti mir-Rikorrent tramite x-xhieda ta' James Bonavia jigu ikkunsidrati fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta ferm evidenti li l-istess bl-ebda mod ma jikkontradixxu jew igibu fix-xejn il-presunzjoni *juris tantum* li l-uzu personali da parte tar-Rikorrent tal-yacht di proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited jikkostitwixxi *fringe benefit* li huwa taxxabbli ai termini tal-Ligi.

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-affermazzjoni ta' James Bonavia li c-cirkostanza li fiha kien ir-Rikorrent - ossia l-uzu personali tal-yacht di proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited, li taghha kien azzjonist u Direttur - ma kenitx tikkostitwixxi *fringe benefit* hekk kif jirrizulta mill-Fringe Benefits - A Tax Guide for the valuation of 'payments in kind'[30], b'mod partikolari mill-estratt minnu citat f'pagna 21 ta' dawn il-Guidelines, ma hijiex korretta u gustifikata. Ghalkemm James Bonavia u per konsegwenza r-Rikorrent jistrih fuq l-ispejga hemm moghtija, ossia li: *special provisions are being made in the case of shareholders (or directors who are also shareholders) where the use of company assets is presumed to arise as a direct result of their 'ownership' rights and not by virtue of employment or office. These provisions will allow either for the outright transfer of the asset in question from the company to the individual shareholder under certain conditions or for the transfer of the asset to a special 'non-trading' subsidiary company where the presumption of a fringe benefit does not arise,* minn qari ta' l-istess immedjatament jirrizulta - kif gustament osservat mill-Kummissarju tat-Taxxi - li din l-ispjega ma tapplikax ghall-kaz in ezami in kwantu tapplika ghall-***outright transfer of the asset in question***[31] *from the company to the individual shareholder under certain conditions or* ***for the transfer of the asset***[32] *to a special 'non-trading' subsidiary company where the presumption of a fringe benefit does not arise.*

In fine jigi osservat li l-metodu ta' kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal ghall-beneficcju annwali taxxabbli li gawda r-Rikorrent huwa ai termini tal-Ligi/Regoli kif applikabbli fiz-zmien tal-process tal-verifika w eventwali process ta' l-oggezzjoni u ghaldaqstant huwa korrett.

It-Tribunal ghalhekk iqis li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tal-*fringe benefit* derivanti mill-uzu personali tal-yacht di proprjetà tas-socjetà Amethyst Shipping Limited huwa zbaljata jew eccessiv.

Trattat dan l-aspett tal-*fringe benefits,* it-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-*assessment* fir-rigward tad-dhul ta' mart ir-Rikorrent bhala beautician.

---

[30] Dok. "JB4", fol. 246 sa' 252 tal-process.
[31] Enfasi tat-Tribunal.
[32] Enfasi tat-Tribunal.

***Assessment* dwar id-dhul ta' mart ir-Rikorrent min-negozju ta' beautician.**

Mix-xhieda ta' Neil Piccinino u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni deherlu li d-dhul min-negozju ta' mart ir-Rikorrent bhala beautician dikjarat fid-dikjarazzjonijiet ta' taxxa ghas-snin ta' stima 2002 sa' 2006, is-snin imsemmija inkluzi, kien baxx wisq u gholla tali dhul ghas-somma ta' Lm10,000 ghal kull sena ta' stima. Neil Piccinino spjega li din il-figura ta' Lm10,000 kienet wahda mahruga *ex officio* mill-Kummissarju dettata mill-fatt li r-Rikorrent ma pprezentax il-kotba tan-negozju u d-dokumentazzjoni pertinenti relattivi ghan-negozju ta' martu sabiex issir il-verifika ta' dak dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa **u** mill-assunzjoni li mart ir-Rikorrent kienet tiggestixxi dan in-negozju minn hanut gewwa tas-Sliema.

Ir-Rikorrent jikkontesta dan l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghall-konsiderazzjoni li *wiehed mill-ewwel jinduna illi l-figura ta' l-istima mahruga mill-Kummissarju kienet wahda arbitrarja u mhux ibbazata fuq fatti u figuri. Biex wiehed ikun iktar preciz, il-Kummissarju kellu fil-pussess tieghu kemm il-figuri u l-fatti - izda rnexxielu jhawwad kollox fl-istess kejl arbitrarju tieghu. ... Fil-fatt wiehed isib dawn ir-returns* (ossia d-dikjarazzjonijiet ta' taxxa tar-Rikorrent u martu ghas-snin ta' stima in kwistjoni bil-*Profit & Loss* relattivi ta' martu) *fis-sensiela ta' dokumenti jew faxxiklu mmarkat Dok. NP1 illi kien ezebixxa Neil Piccinino fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012. Ghalkemm in-notamenti fuq Dok C isemmu hanut ("shop"), Neil Piccinino stqarr illi d-Dipartiment ma kienx irnexxielu jivverifika jekk effettivament kienx hemm hanut jew le u jekk dan il-hanut kienx jinsab f'Tas-Sliema kif indikat. L-appellant xehed kif la huwa u lanqas il-mara tieghu qatt ma kellhom hanut f'Tas-Sliema u dan gie kkonfermat ukoll minn James Bonavia li stqarr illi mid-dokumenti fil-pussess tieghu, il-mara ta' l-appellant kellha zewgt ikmamar fuq l-ufficcju ta' l-appellant l-Imsida, f'Valley Road, minn fejn topera, u mhux f'Tower Road, Tas-Sliema, kif sostna l-Kummissarju. Huwa evidenti illi ghal darb' ohra l-Kummissarju, minghajr ma ivverifika sew l-affarijiet tieghu, fajjar stima ta' Lm10,000 ghal kull sena fuq premessa zbaljata illi huwa ma kellux il-figuri tad-dhul tal-mara ta' l-appellant. Aghar minn hekk, erronjament ikkonkluda illi mart l-appellant kellha xi hanut f'Tas-Sliema u l-istima gholja hafna illi hareg kienet qed tirrifletti negozju minn hanut fil-lokalità ta' Tas-Sliema illi wahedha biss tgholli l-presunzjoni illi wiehed qed idahhal introjtu sostanzjali minn hanut sitwat f'din il-belt*[33].

Ghalkemm mill-provi prodotti w anke mix-xhieda ta' Neil Piccinino stess jirrizulta li mhux fatt stabbilit b'mod konklussiv li mart ir-Rikorrent kienet

[33] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365.

topera n-negozju taghha bhala beautician minn hanut gewwa Tas-Sliema, kif originarjament jidher li gie kkunsidrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal iqis li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-Rikorrent xorta wahda ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-*assessment* tal-Kummissarju fir-rigward tad-dhul ta' martu kien wiehed eccessiv.

Wiehed ma jridx jinsa li l-punto di partenza tal-kwistjoni kollha in ezami hi li waqt il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tar-Rikorrent u martu ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-istess Rikorrent naqas milli jissottometti l-kotba tan-negozju u dokumentazzjoni relattiva ghan-negozju ta' martu biex appuntu ikunu jistghu jigu vverfikati d-dikjarazzjonijiet maghmula u l-*P&Ls* sottomessi.

Kif già iktar 'l fuq osservat, a tenur ta' l-Artikolu 32(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta: *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jistghu jingiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-ahjar gudizzju tieghu jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u it-taxxa li ghandha tithallas, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun giet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat huwa jista', bl-istess mod, jaghmel stima jew stimi addizzjonali.* Dan l-artikolu jistipula b'mod car il-poteri tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta jehtieg li jaghmel tali verifika u huwa ghandu d-dritt li jitlob dawn il-prospetti, kotba jew provi ohra minnu mehtiega u kemm-il darba dawn ma jigux prodotti jew jekk jigu prodotti xorta wahda ma jkunux sodisfacenti, jista' johrog stima jew stimi addizzjonali skond l-ahjar gudizzju tieghu.

Fid-dawl tal-fatt li r-Rikorrent ma ssottomettietx id-dokumentazzjoni minnu mitluba fir-rigward tan-negozju ta' martu bhala beautician, illum difficilment jista' jilmenta li l-Kummissarju pproceda biex *ex officio* ikkalkula d-dhul ta' martu min-negozju ta' beautician. Dan ma jfissirx li r-Rikorrent ma jistax ixejjen dak il-kalkolu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda biex jaghmel hekk huwa jehtieg jressaq provi sodisfacenti fir-rigward, liema provi f'dan il-kaz ma kienux, fil-fehma tat-Tribunal, sufficjenti.

Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li mart ir-Rikorrent ma kenitx tiggestixxi n-negozju taghha minn hanut gewwa tas-Sliema izda kienet tiggestih minn zewgt ikmamar fuq l-ufficcju tar-Rikorrent gewwa l-Imsida, senjatament mill-Wied ta' l-Imsida li fi kliem James Bonavia stess hija lokalità maghrufa sew, fil-kaz in ezami dan il-fatt wahdu ma huwiex bizzejjed biex jirrendi l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi eccessiv u dana billi mill-provi

prodotti mill-Kummissarju, senjatament mix-xhieda ta' Carmel Gatt[34] li ma giet bl-ebda mod kontradetta mir-Rikorrent, jirrizulta li ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2001 id-dhul ta' mart ir-Rikorrent kien già gie *assessed* mill-Kummissarju fl-ammont ta' Lm10,000 fis-sena u dan l-*assessment* u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi li nhargu fil-konfront taghhom, ma gewx kontestati.

Fir-rigward Carmel Gatt xehed illi: *il-fatti tal-kaz fil-qosor huma dawn. L-audit kien inbeda mid-dipartiment tat-taxxi interni f'April tas-sena 2005 ghas-snin ta' stima mis-sena 2002 sas-sena 2006 u kien inbeda ghal 3 ragunijiet. L-ewwel wahda kienet li inizzjalment id-dipartiment kien ghamel audit ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2001 jigifieri it-3 snin ta' stima qabel dawn li huma taht appell u bhala rizultat ta' dak l-audit, id-dipartiment kien zied l-income tal-mara tar-rikorrent minn dak dikjarat ghal 10,000 lira fis-sena. Issa ghal dawk is-snin ta' stima ma kinitx giet epprezentata oggezzjoni u ghalhekk jigifieri d-dipartiment hadha li s-Sinjuri XXX qeghdin jaccettaw l-istima tad-dipartiment. Ghas-sena ta' stima 2002, l-ewwel wahda taht appell jigifieri, l-income dikjarat mill-mara tar-rikorrent kien dak ta' 623 lira u ghaldaqstant id-dipartiment qabbel l-ammont dikjarat ta' 623 lira mal-ammont li kien assessjat u mhux oggezzjonat ta' 10,000 lira u ghalhekk kien hemm question mark x'gara. It-tieni raguni kienet li ghas-snin ta' stima 2003 u 2004, ir-rikorrent ma kienx baghat return tat-taxxa u t-tielet raguni kienet li r-rikorrent kien involut fit-trasferimenti tal-proprjeta' u ghaldaqstant id-dipartiment xtaq jara ezatt x'kien qed jigri. Mela l-audit bhal ma ghidt inbeda f'April tas-sena 2005. ... Dwar l-assessment tal-konjugi, Ms. XXX kellha assessments ghas-snin ta' stima 1999 sa 2001 fejn l-income kien gie rivedut ghal 10,000. Bhal ma semmejt ma kienx sar appell minn dawn l-assessments u ghaldaqstant id-dipartiment assuma li t-tul taghha baqa' kostanti u zied l-income ghal 10,000.*

Fid-dawl ta' tali fatt tant importanti izda konvenjentement injorat mir-Rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-uniku mod kif ir-Rikorrent seta' realment jikkontradici u jxejjen l-*assessment* li l-Kummissarju tat-Taxxi ghamel fir-rigward tad-dhul ta' martu min-negozju ta' beautician kien billi jesebixxi u jissottometti l-kotba tan-negozju taghha u d-dokumentazzjoni relattiva, kotba u dokumentazzjoni però li ghal ragunijiet li jaf huwa biss baqghu qatt ma gew sottomessi w esebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li anke fir-rigward ta' l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar id-dhul ta' martu min-negozju ta' beautician r-Rikorrent ma irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li dan huwa zbaljat jew eccessiv.

[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013, fol. 340 sa' 342 tal-process.

Trattata dan il-punt jifdal issa li jigi trattat l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar id-dhul mill-bejgh tal-proprjetà gewwa l-Imsida li sehh fl-2005, liema dhul gie kkunsidrat mill-Kummissarju bhala *trading income* u mhux *capital gain.*

**_Assessment_ dwar dhul mill-bejgh tal-fond 220, Flat 3, Immaculate Conception Street, Msida, li sehh fid-19 ta' Jannar 2005.**

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jibbaza l-*assessment* tieghu fir-rigward tad-dhul mill-bejgh tal-fond 220, Flat 3, Immaculate Conception Street, Msida, fuq zewg konsiderazzjonijiet: (i) id-dhul gie kkunsidrat bhala *trading income* u mhux *capital gain*; u (ii) id-dhul taxxabbli kien ta' 50% mill-prezz dikjarat stante li fil-fehma tieghu ma tressiqx prova cara u konkreta li l-prezz dikjarat kien effettivament il-prezz percepit mir-Rikorrent. Fir-rigward il-Kummissarju tat-Taxxi jissottometti li *l-istima kif mahruga mill-esponent Kummissarju kienet tinkludi wkoll dhul minn trasferiment ta' proprjetà. Fid-19 ta' Jannar 2005, il-konjugi XXX ittrasferew proprjetà fl-indirizz 220, Flat 3, Conception Street, Msida, ghall-prezz dikjarat ta' Lm45,000 u fil-formola tat-taxxa taghhom ghas-sena ta' stima 2006, huma inkludew capital gains computation in kwantu fil-fehma taghhom tali trasferiment kien wiehed ta' natura kapitali. Illi in kwantu f'perijodu ta' snin relattivament qasir huma kienu ittrasferew numru ta' proprejtajiet, l-esponent Kummissarju kien ta' l-opinjoni li l-konjugi XXX kienu jinnegozjaw fil-proprjetà u ghalhekk, fil-kalkoli tieghu ha 50% tal-prezz tat-trasferiment bhala qligh, u intaxxa tali qligh. Illi inoltre jigi rilevat bir-rispett li d-dhul ta' Lm45,000 rizultanti mit-trasferiment hawn fuq imsemmi ma rrizultax fil-bank statements ipprezentati mir-rikorrent XXX fil-kors ta' l-investigazzjoni. Waqt il-verifiki tieghu, l-esponent sab depozitu ta' Lm17,500 f'Loan account li r-rikorrent kellu ma' l-HSBC u depozitu iehor ta' Lm14,037.30 f'Loan account li kellu mal-Lombard Bank li jammonta ghal total ta' Lm31,537. Ghalkemm iz-zewg depoziti setghu kienu parti mir-rikavat tat-trasferiment, id-differenza ta' Lm13,463 ma tidher f'ebda kont bankarju li l-esponent kien jaf bih u ma nghatax spjegazzjoni ta' fejn tali ammont gie depozitat. Illi abbazi ta' l-investigazzjoni tieghu, u mill-fatti hawn fuq imsemmija, l-esponent Kummissarju kkonkluda illi: (a) kien hemm kont bankarju jew kontijiet bankarji ohra li fihom gie depozitata d-differenza ta' Lm13,463 u li taghhom id-Dipartiment ma kellux kopja; u (b) ir-rikavat, ghalkemm skond il-kuntratt ta' bejgh kien Lm45,000, seta' kien izjed u l-esponent ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma dan peress li XXX ma tahx kopja ta' l-istatements tal-kont li fih iddepozita l-bilanc*[35].

Ir-Rikorrent jikkontesta dan l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi u l-konsegwenti rifjut ta' l-oggezzjoni tieghu fir-rigward ta' tali *assessment* in

[35] Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 370 sa' 393 tal-process.

bazi għas-segwenti konsiderazzjonijiet: *rigward l-ewwel raġuni u cioè illi l-'Bank Statements' għas-sena 2006 ma kienux ġew sottomessi, Neil Piccinino kkonferma illi fir-realtà ladarba nħadmu l-figuri f'Dok. NP2 għas-sena ta' stima 2006: ehe biex inħadem dan l-exercise bilfors kellna l-bank statements. M'hemmx iktar x'wieħed iżid dwar din l-ewwel raġuni mogħti mill-Kummissarju għall-ħruġ ta' l-istima. Rigward it-tieni raġuni u cioè illi l-proprjetà in kwistjoni kienet inxtrat sabiex terġa' tinbiegħ u għalhekk għal skop ta' lukru, ġew ipprezentati diversi provi li juru li dan ma kienx il-każ*[36].

Il-provi li jsemmi r-Rikorrent huma: (i) ix-xhieda tiegħu stess fejn spjega għalfejn din il-proprjetà minnu akkwistata ġiet sussegwentement mibjugħa u bazi ta' l-istess jissottometti li *l-appellant innifsu ikkonferma dan u spjega kif ir-raġuni prinċipali għax-xiri kien sabiex jiċċaqlaq mill-uffiċċju tiegħu f'Valley Road, Msida, għall-post iktar ċentrali fl-Imsida sabiex jevita l-problemi kkawżati mill-maltemp f'Valley Road. Spjega kif ma kienx ċaqlaq l-uffiċċju u wara xi erba' snin iddeċieda li jipprova jbiegħ l-appartamenti kif fil-fatt għamel;* u (ii) ix-xhieda ta' James Bonavia li skond ir-Rikorrent *stqarr illi kemm kien ilu jaħdem għall-appellant, qatt ma ġew dokumenti f'idejh illi juru li l-appellant kien qed jinnegozja fil-bini. Xehed kif proprjetà partikolari fl-Imsida kienet ġiet għandu minn kumpannija tal-familja tal-mara tiegħu għaliex xtaq jużaha bħala uffiċċju u ried jikkonvertiha iżda ċ-ċirkostanzi kienu tali illi snin warra illi xtraha kien kostrett ibigħha*[37].

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li fejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni straħ fuq l-istatement of affairs tiegħu fejn kien iddikjara li kellu din il-proprjetà *for re-sale,* dan ma kellux jagħmlu għaliex *bi żball, kif konfermat mill-appellant fil-kors tax-xhieda tiegħu, ir-riferenza kellha ovvjament tkun għad-2d u mhux 2c li tirreferi għall-proprjetà sitwata l-Mellieħa u m'għandha x'taqsam xejn ma' dik ta' l-Imsida. Illi l-appellant spjega kif huwa kien uża l-kliem 'property for resale' mhux għaliex kien hemm xi skop ta' lukru meta huwa kien xtara l-proprjetà snin qabel iżda sempliċement għaliex meta ffirma dan id-dokument, il-proprjetà kienet ġià laħqet inbiegħet fid-19 ta' Jannar 2005 (cioè sena qabel) u għalhekk indika l-bejgħ billi uża dawn il-kliem xejn feliċi u illi magħhom iggranfa l-Kummissarju.* In kwantu rigwarda d-dħul taxxabbli determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi u l-komputazzjoni realttiva, ir-Rikorrent jistrieħ fuq l-osservazzjoni ta' James Bonavia u cioè li: *prattikament konna nitrattawha daqs li kieku kienet stokk ta' binja għall-bejgħ u ovjament l-ispejjeż kollha relattati mal-konverżjoni ta' dik il-proprjeta', mix-xiri għall-konverżjoni tagħha biex tinbiegħ kien jiġi trattat bħala spejjeż in the production of that income, jiġifieri bażikament li konna innehħu minn hawn huma l-inflation allowances u l-maintanance allowances. Issa jien, fil-fatt il-computation ma kienitx parti minn xogħolna,*

[36] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process.
[37] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process.

*mix-xoghol li ghamilt jien, l-computation hija mahduma hazin ghax hemm zball li huwa car hafna fiha, l-cost of acquisition li jirrizulta li huwa 20,000 fil-fatt huwa 22,000 u mhux 20,000, u anke l-capital profit for the year dikjarat ta' 1,348 fil-fatt huwa hazin. Il-klijent m'ghamel l-ebda gain fuq din il-proprjetà, anzi minn naha tal-capital gains nista' nghid li fil-fatt hemm capital loss li ma niehduhx minhabba li hemm limitation fuq l-inflation allowance li tohrog mil-rule 581B tal-capital gain rules, jigifieri fil-verità il-klijent kellu jiddikjara li m'ghamel l-ebda qliegh ta' natura kapitali fuq din il-proprjeta'. Issa li kieku kelli nibdel il-capital gains computation u naghmilha ta' natura ta' trading, fil-fatt kien jirrizulta gain ta' 2,568 u ghal dawn l-istandards taz-zewg computations huma kemm ta' trading u kemm ta' capital gains.* [Il-komputazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi] *hija assurda ghax jekk il-cost of acquisition huwa ta' 22,000 u l-klijent bieghha 45,000, ma tistax taqbad 50% ta' dak u tghid dawn huma qliegh. Se mai tiehu 50% tad-differenza jekk trid tinjora l-improvements kollha li ghamel l-klijent, pero' il-klijent ghamel improvements u ghandu anke ircevuti f'dan ir-rigward, ghamel spejjez li huma dikjarati li huma stamp duty u spejjez tan-nutar, ghandu bank loan anke fuq l-proprjeta' jigifieri huwa assurd li tohrog 50% profit just ghax jidhirlek li hekk ghandek taghmel*[38].

Mill-provi prodotti u mill-atti processwali jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 2 ta' Mejju 2001[39], ir-Rikorrent u martu akkwistaw minghand is-socjetà Group 9 Limited il-fond, ossia *the flat internally numbered three (3) situated at third or top floor level (ir-raba' sular), being the only flat upon the said floor, forming part of a block of three (3) flats numbered two hunderd and twenty (220) in Immaculate Conception Street, Imsida,* u *one third (1/3) undivided share of the common parts and of the common services of the said block* versu l-prezz ta' Lm22,000. Ir-Rikorrent spjega dan l-akkwist bil-mod segwenti: *din il-famuza Group 9 originat ghax il-familja tal-mara qedghin 9 ahwa, kellhom l-proprjeta' tal-genituri taghhom u ddecidew li jizvillupawha. Din bdewha, waqqughha u hadet kwazi 7 snin shell, ovjament kif jigri meta jkollok hafna nies, spicca wiehed jiehu hsiebha u t-8 l-ohra jharsu, u dan xeba' bhal haddiehor u m'ghamel assolutament xejn. One fine day iddecidejna u ghedna isma dan hemm blokka bini, hasra li se tibqa' shell, allura ha nifthemu bejnietna u naraw kif se nduru maghha u akkwistajna wiehed minnhom ahna._Ovjament l-iskop kien li jien ghandi l-ufficju Valley road u bil-maltemp kulhadd jaf x'jaghmel u jkollok il-problemi, wahda minnhom din is-sena stess ghax kelna mal-metru ilma fl-ufficju u kellna narmu kollox, u ovjament l-iskop taghna kien li nimmuvjaw hemm, purament bhala xoghol ridna nimmuvjaw hemm jien naghmel l-ufficju tieghi u l-mara zzomm kamra ghal-uzu taghha, dak kien l-iskop originali.* In risposta ghall-

[38] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 351 sa' 365 tal-process u xhieda moghtija minn James Bonavia Waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013.
[39] Fol. 169 sa' 176 tal-process.

mistoqsija *w effetivament iccaqlaqtu, mortu hemm?* ir-Rikorrent wiegeb, *le assolutament le.* Ir-raguni ghal dan skont ir-Rikorrent kienet li: *Li gara kien li meta akkwistajnha d-dar taghna f'Tas-Sliema. ...2002, fit-2002 beghna l-propjetà taghna fil-Kappara u xtrajna d-dar taghna f'Tas-Sliema, ovvjament dan ma kienx spiccut u ridna nkompluh, allura hadnha house loan ukoll biex stajna ingongu biex nghid hekk. Però rrizulta mbaghad wara li jien spiccajt b'zewg loans u ovvjament it was too much ghalina to handle ghax finanzjarjament gejna ssikati hafna.* In risposta ghall-mistoqsija *w allura x'ghamiltu bil-flat ta' l-Imsida?* ir-Rikorrent wiegeb, *le dak bieghejnieh* u ghall-mistoqsija *immedjatament jew dam fuq is-suq?* ir-Rikorrent wiegeb, *le dam, damu nahseb fuq erba' snin biex inbiegh ghax l-Imsida sfortunatament huwa a very bad investment*[40].

Ir-Rikorrent ta dawn l-ispjegazzjonijiet biex juri li kuntrarjament ghal dak minnu, skontu erronejament, indikat fl-istatement of affairs tieghu a fol. 146 sa' 149 tal-process, din il-proprjetà ta' l-Imsida qatt ma kienet intiza *for resale.* It-Tribunal però difficilment jista' jemmen dak allegat mir-Rikorrent u cioè li din il-proprjetà ma gietx minnu akkwistata ghal skopijiet ta' lukru.

Jibda biex jigi osservat li ma jaghmel ebda sens la logiku u wisq inqas ekonomiku li ufficju ta' *insurance agent* jigi sitwat f'appartament *at third or* ***top floor level*** *(ir-raba sular)* tal-blokk ta' appartamenti li jofforma parti minnu. Daqstant iehor ma jaghmel l-ebda sens logiku u wisq inqas ekonomiku li r-Rikorrent, li jsostni li sab ruhu b'pizijiet ekonomici minhabba l-akkwist tal-fond residenzjali tieghu f'Tas-Sliema fl-2002 (liema akkwist jigi osservat sehh ftit xhur wara l-bejgh tad-dar residenzjali tar-Rikorrent gewwa l-Kappara), ma ttrasferiex in-negozju tieghu fil-fond f'Conception Street, Msida, li *a suo dire* kien akkwistah proprio ghal tali skop, u minflok baqa' fil-fond fil-Wied ta' l-Imsida li kien ghandu b'titolu ta' kera bil-konsegwenza li spicca b'fond soggett ghal self bankarju mhux utilizzat u fl-istess hin ihallas il-kera ta' fond iehor! L-agir tar-Rikorrent jirrizulta ferm iktar inspjegabbli u ghalkollox bla logiku meta jigi kkunsidrat li mill-atti processwali, senjatament mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 10 ta' April 2002[41], jirrizulta li ix-xoghlijiet fl-appartament f'Conception Street, l-Imsida kienu gew kompletati fit-8 ta' Marzu 2002 u ghalhekk ma tirrizulta l-ebda raguni valida ghalfejn ir-Rikorrent ma setax jittrasferixxi n-negozju tieghu f'tali appartament jekk verament din kienet l-intenzjoni tieghu wara l-akkwist ta' dak l-appartament. Apparte minn dan kollu, huwa ferm stramb li proprjetà li finalment donnha giet akkwistata inutilment u li kienet qed tohloq piz finanzjarji notevoli fuq ir-Rikorrent inbieghet biss erba' snin wara l-akkwist. Ghalkemm ir-Rikorrent jallega li l-proprjetà kienet ilha fuq is-suq ghal diversi snin qabel ma fl-ahhar sab il-bejgh taghha, huwa ma ressaq l-ebda prova fir-

---

[40] Xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2013.
[41] Fol. 167 u 168 tal-process.

rigward. Fil-fehma tat-Tribunal dawn il-fatturi maghduda flimkien kollha juru l-intenzjoni cara ta' skop ta' lukru wara l-akkwist ta' l-appartament nru.3 f'Nru. 220, Conception Street, Msida, u ma jaghtu l-ebda kredibilità lill-allegazzjoni tar-Rikorrent li huwa indika dan l-appartament fl-istatement of affairs tieghu bhala *property for resale* bi zball.

It-Tribunal hawn jaghmel referenza ghal dak osservat mill-Bord ta' Kummissarji Specjali w in segwitu mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-decizjonijiet rispettivi taghhom fil-kaz fl-ismijiet **Geoffrey Grech v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciz mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fil-15 ta' Dicembru 2004 u mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ottubru 2005.

Fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' Kummissarji Specjali osserva li: *huwa jekk oggett jigi akkwistat ghall-uzu u tgawdija, li qliegh imbaghad realizzat mill-bejgh tieghu jigi ikkunsidrat bhala qliegh kapitali (vide Fiott, "Notes on Tax on Capital Gains", Aug. 1993, p 5). U l-istess hija s-sitwazzjoni meta asset jigi akkwistat ghal ghan ta' investiment. Izda Fiott izid ukoll (ibid, para 2.8) li persuna li takkwista xi haga li tista biss tuzaha b'mod profitevoli billi terga tbieghha, dik il-persuna tigi prezunta li, jekk imbaghad, fattwalment isir tali bejgh, hi allura tkun kienet akkwistata biex terga tbieghha u l-qliegh ikun fil-fatt trading income. Fi kliem iehor l-agir sussegwenti jispicca jbiddel u jiddetermina in-natura tal-motiv fl-akkwist originali. Fil-kuntest tal-kaz odjern tista' ghalhekk issir b'certa awtomaticità l-mistoqsija "x'kien qed jakkwistaha jaghmel l-appellant dik l-art fil-likwidazzjoni tal-kumpanija?" Is-sitwazzjoni hi li qabel kien hemm kumpanija kummercjanti li issa waqfet milli tikkummercja, u allura l-assets taghha fl-operat tal-kummerc ma kienux ser jibqghu iservu ghalhekk. U allura ghall-liema ghan kien akkwistahom is-Sur Grech? It-twegiba "ghax hu kien kien azzjonista" (vide Fol 55) tkun jew insufficjenti, jew tibdel in-natura taghha meta sussegwentement hu jagixxi bil-propjetà akkwistata. Fatturi li wkoll hawnhekk iridu jittiehdu in konsiderazzjoni huma dawn: (a) <u>Il-mod kif ikun sar l-akkwist</u>. Meta l-akkwist ikun sar tramite wirt jew donazzjoni ma jkunx hemm motiv ta' qliegh (vide Fiott ibid.). Izda l-akkwist tramite distribuzzjoni tal-assi ta' kumpanija, bhal f'dan il-kaz, ma jaqax ma dawn l-ezenti sitwazzjonijiet. (b) <u>Iz-zmien li jkun ghadda bejn l-akkwist u l-bejgh</u>. Kif ga hawn fuq citat hawnhekk ghaddew aktar minn ghaxar snin, u dan id-dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala operat fin-natura ta' spekulattiva stennija li jasal il-mument idejali ghal bejgh li imbaghad isir b'massimizzazzjoni ta' profit. Dan il-Bord ga esprima ruhu f' sentenzi precedenti ghar-rigward tal-fatt li n-natura ta' transazzjoni tevolvi fuq medda ta' zmien skond ma jinbidlu l-intenzjonijiet tal-partijiet li jaghmluha. Fejn jidhol akkwist u bejgh ta' propjetà - ga qal diversi drabi dan il-Bord - huwa perfettament koncepibbili li l-intenzjoni non-spekulattiva jew non-kummercjali fil-mument tal-akkwist (inkluz dak fil-kaz ta' likwidazzjoni ta' kumpanija) tinbidel f' wahda purament kummercjali (u allura b'ezitu*

*taxxabbli) meta wara, f'wahda jew f'sensiela ta' transazzjonijiet, il-karattru u l-attività preponderanti tal-persuni involuti issir dik ta' negozjant/i. U allura attivita wahda, jew aktar, jew kollha, f'generu specifiku isiru taxxabbli l-istess bhal ma jkun l-istock in trade ta' kummercjalista ta' generu iehor.*

Da parte taghha l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *mill-kumpless tac-cirkostanzi rigwardanti l-bejgh ta' l-art in disamina kif ukoll minn dawk l-operazzjonijiet l-ohra maghmula mill-appellant, il-Kummissarju appellat, u warajh il-Bord, waslu ghal konkluzjoni li l-appellant kien jinnegozja fil-bini, kemm personalment u anke wara l-formazzjoni tas-socjetà tieghu Boomers & Company Limited, u konsegwentement il-bejgh ta' l-art in kwestjoni ghandu jigi konsiderat bhala maghmul ghall-fini ta' qligh mill-bejgh taghha billi ma kienet tezisti ebda raguni biex wiehed jikkonsidra din l-operazzjoni specjali bhala eccezzjoni ghall-kategorija ta' "chargeable income" enumerati fl-Artikolu 4 tal-Kapitolu 123, senjatament is-subinciz 1 (a) tieghu. Jinsab deciz illi "f' materja ta' ligijiet fiskali zewg principji ndiskussi huma fundamentali: (a) hadd ma jista' jigi intaxxat sakemm l-erarju ma jurix disposizzjoni cara tal-ligi li timponi t-taxxa u (b) misjuba dik id-disposizzjoni, is-sudditu ma jistax jehles mit-taxxa sakemm ma jurix car li hemm disposizzjoni li tezentah" - "**A. B. -vs- Joseph Mifsud Bonnici nomine**", Appell, 10 ta' Ottubru 1961. In kwantu ghall-principji enuncjati f' dik is-sentenza, fil-kaz prezenti l-ewwel principju, fil-fehma tal-Kummissarju appellat, hu dak li l-provenjent mill-bejgh ta' l-art da parti ta' l-appellant kien "profitt li jkun hemm minn xi persuna ta' xi proprjetà akkwistata minnha ghall-iskop li taghmel profitt b' mezz ta' bejgh" [Artikolu 4 (1) (a)]. Kliem dawn cari bizzejjed li ma jhallu lok ghall-ebda dubju w allura ghandhom jinghatawlhom it-tifsir proprju taghhom. Issa huwa veru li l-appellant ma kienx di professione negozjant izda, imbaghad, wiehed m' ghandux ghalfejn ikun negozjant biex jaghmel atti eterogenei ta' kummerc meta l-okkazjoni tipprezenta ruhha quddiemu. F' din l-ipotesi ikun hemm ugwalment dak l-ezercizzju li hu a bazi ta' l-istat ta' kummercjant u l-atti diversi huma ghalhekk soggetti ghan-normi guridici inerenti ghall-att ta' kummerc [Artikolu 5 (h) tal-Kodici tal-Kummerc, Kapitolu 13; **Pipia**, "Diritto Commerciale", Vol. I para. 159]. Ara wkoll f' dan l-istess sens decizjoni fl-ismijiet "**A. B. -vs- Nutar Vincent Gatt nomine**", Appell, 21 ta' Jannar 1955, fejn ukoll il-professjoni ta' l-appellant f' dak il-kaz ma kienx dak ta' negozjant fil-bini. Bhal Bord qabilha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant f' dan il-kaz wettaq att ta' kummerc. Il-hsieb predominanti tieghu meta fl-1988 irceva l-proprjetà in kwestjoni mill-likwidazzjoni tal-kumpanija Grech & Hicks Company Limited ma kienx dak li jzommha ghall-uzu tieghu izda dik ta' spekulazzjoni meta l-okkazjoni propizja w espedjenti ta' gwadann tipprezenta ruhha. Ir-raguni moghtija ta' "family circumstances" mhix konvincenti. Dan hu hekk lampantement ovvju mill-fatt tad-delega ta' parti sostanzjali tar-rikavat mill-bejgh ta' l-art*

*lis-socjetà proprja tieghu Boomer & Company Limited. Art din li hu ma rceviex ope successionis izda mill-istralc tal-precitata kumpanija. Huwa elementari illi fil-ligi in generali, u dan forsi jghodd maggorment fil-kaz tal-ligijiet fiskali, ix-xorta ta' negozju guridiku huwa determinanti ta' l-effetti u l-konsegwenzi tieghu. Haga li jekk issir b' certu mod u taht certa forma jkollha certi konsegwenzi. F' dan il-kaz, u mill-assjem tac-cirkostanzi l-ohra provati, din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni li ssib illi n-negozju guridiku effettwat mill-appellant ma kienx dak sic et sempliciter ta' bejgh wiehed en bloc, kif jissottometti hu, izda pjuttost dak ta' negozju li minnu f' dak il-mument seta' jirrializza l-akbar qligh fruttiferu. Dan igib li l-oggett ta' l-akkwist bil-likwidazzjoni tas-socjetà precitata ma kienx dak ghall-uzu u tgawdija biex b' hekk forsi l-qligh seta' jigi konsiderat bhala qligh kapitali izda ghall-ghan ta' trasferiment u spekulazzjoni. Dan igib li d-dhul percepit minn tali negozju bhala "income" annoverat taht l-Artikolu 4 (1) (a) u mhux ukoll bhala "qligh kapitali" taht l-Artikolu 5 (1) (a) tal-Kapitolu 123. Konsegwentement, fil-fehma tal-Qorti, dan hu kaz fejn bizzejjed li jigu rilevati l-fatti kif johorgu mill-inkartament biex tirrizulta lampanti l-korrettezza tad-decizjoni appellata.*

Ghalkemm il-fatti fil-kaz appena citat ma humiex identici ghal dawk tal-kaz in ezami ma hemm dubju li l-principji guridici hemm pronuncjati japplikaw ghall-kaz in ezami u ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gustament ikkonsidra l-qligh maghmul mir-Rikorrent mill-bejgh tal-fond Flat 3, Nru.220, Conpcetion Street, Msida, bhala *trading income* u intaxxah bhala tali.

Jifdal issa li tigi trattata l-kwistjoni tal-*quantum* tal-qligh determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi, liema ammont gie minnu intaxxat.

Mix-xhieda ta' Neil Piccinino jirrizulta b'mod car li l-ammont ta' Lm22,500, ekwivalenti ghal 50% tal-valur dikjarat ta' Lm45,000 fl-att ta' trasferiment, li gie sussegwentement intaxxat gie determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'mod prattikament *ex officio*. Ghalkemm din kienet determinazzjoni *ex officio* da parte tal-Kummissarju, tul is-smigh tal-proceduri l-istess Kummissarju fisser il-logika adoperata minnu li kienet essenzjalment ibbazata fuq il-fatt li r-Rikorrent baqa' qatt ma ssottometta kjarifika dwar il-kontijiet bankarji minnu mizmuma fil-banek lokali u/jew barranin, minkejja li ripetutament gie mitlub jipprovdi tali kjarifika u konsegwenti informazzjoni. Apparte l-fatt li l-Kummissarju ma kellux konferma li l-*bank statements* li kellu fil-pussess tieghu kien relattivi ghall-kontijiet kollha tar-Rikorrent, minn analizi tal-kontijiet bankarji ghas-sena bazi 2005 - sena stima 2006 - ma rrizultax li l-import kollu ta' Lm45,000 gie depozitat mir-Rikorrent. Di fatti mill-istatements li l-Kummissarju kellu a disposizzjoni tieghu huwa rriskontra depozitu komplessiv ta' Lm31,537.30 li seta' kien derivat mill-bejgh ta' l-appartment izda baqa' bla spjegazzjoni dwar id-

differenza ta' Lm13,462.70 li baqghet ma gietx ravvizata fir-rendikoni sottomessi lilu. Fid-dawl ta' tali fatt il-Kummissarju gustament wasal ghall-konkluzzjoni li hemm probabiltà kbira li ir-Rikorrent ghandu kontijiet bankarji ohra li zammhom misturin minnu u gustament ukoll wasal ghall-konkluzzjoni li hemm probabilità kbira li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment ma jirriflettix l-ammont effettivament percepit mir-Rikorrent ghat-trasferiment in kwistjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal, rinfaccjat b'tali sitwazzjoni Rikorrent kellu u ghad ghandu l-oneru li jipprova b'mod sodisfacenti li l-uniku introjtu mit-trasferiment ta' l-appartament gewwa l-Imsida kien dak ta' Lm45,000 u xejn iktar prova li però, ghal ragunijiet li jaf ir-Rikorrent biss, baqghet ma saritx b'mod sodisfacenti peress illi huwa ghazel li jistrih biss fuq l-affermazzjoni li l-konsiderazzjonijiet tal-Kummissarju huma assurdi.

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-fatt li r-Rikorrent ma rcieva l-ebda stima ulterjuri da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ma tfisser assolutament xejn in kwantu fl-ambitu ta' taxxa fuq l-*income* li jrid jigi kkunsidrat huwa d-dhul mit-trasferiment u mhux il-valur reali tal-proprjetà trasferita fiz-zmien tat-trasferiment.

It-Tribunal ghalhekk iqis li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-*assessment* tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tal-qligh mit-trasferiment ta' l-appartament nru.3, f'Nru.220, Conception Street, Msida, li sehh fid-19 ta' Jannar 2005, huwa zbaljat jew eccessiv.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**